# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT

## ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.

## ONOR. ROBERT G MANGION LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Awwissu, 2017**

**Kawża Numru 1**

**Appell Numru 35/16/1JVC**

Sharon Rose **ROCHE** *nee'* Bellamy

vs

**ID-DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT GĦALL-*ISTANDARDS* FIL-ĦARSIEN SOĊJALI** u l-Avukat Jean Paul Grech in rappreżentanza tal-imsiefer Dean Michael Roche

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mir-rikorrenti appellanti b'rikors tagħha tas-7 ta' Lulju, 2017[1], li bih

[1] Paġġ. 326 sa 330 tal-Att tal-Appell

u għar-raġunijiet minnha hemm imfissra, talbet li din il-Qorti kif komposta tirrikuża ruħha milli tkompli tisma' din il-kawża;

2. Rat li l-imsemmi rikors tressaq quddiem din il-Qorti wara li, bi provvediment mogħti fis-smigħ tad-29 ta' Mejju, 2017[2], din il-Qorti (diversament komposta) sabet li kien hemm raġuni sabiex l-imħallfin li kienu jikkostitwuha "jastjenu milli jieħdu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell u għalhekk qed jippreżentaw noti ta' astensjoni" u wara li fl-4 ta' Lulju, 2017, saret is-surroga bil-ħatra tal-imħallfin li tagħhom issa l-appellanti qiegħda wkoll titlob ir-rikuża;

3. Illi għal din it-talba, id-Direttur appellata laqgħet bi Tweġiba mressqa fil-25 ta' Lulju, 2017[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħalliet f'idejn din il-Qorti biex tipprovdi dwar it-talba tal-appellanti għar-rikuża, imma opponietha safejn l-istess appellanti allegat ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk kemm-il darba t-talba tagħha għar-rikuża kellha ma tintlaqax;

4. Illi, min-naħa tiegħu, l-appellat Dottor Jean Paul Grech *nomine* laqa' għat-talba tal-appellanti bi Tweġiba tas-27 ta' Lulju, 2017[4], u li biha u għar-raġunijiet minnu mfissra, huwa wkoll oppona għat-talba ta' rikuża;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-31 ta' Lulju, 2017, f'liema smigħ ħalliet il-kawża għall-provvediment li qiegħed jingħata llum;

***Ikkunsidrat:***

6. Illi l-Qorti tqis li t-tqanqil tal-kwestjoni tar-rikuża min-naħa tar-rikorrenti appellanti trid titqies fil-qafas xieraq taċ-ċirklostanzi proċedurali li fihom jinsab l-appell li sar minnha, ukoll għaliex fl-istess rikors tagħha hija tisħaq li l-biċċa l-kbira mir-raġunijiet li jwassluha titlob ir-rikuża jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni tal-imparzjalita' soġġettiva tal-Qorti li quddiemha tinsab il-kawża;

7. Illi l-appellanti ssejjes it-talba tagħha fuq ħames raġunijiet: (i) li l-ġudikanti li jikkostitwixxu l-Qorti kienu l-istess tliet imħallfin li fis-16 ta'

[2] Paġ. 318 tal-atti tal-Appell
[3] Paġġ. 331 – 6 tal-Att tal-Appell
[4] Paġġ. 339 sa 342 tal-Atti tal-Appell

Marzu, 2017, taw is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "*Sharon Rose Roche et vs L-Avukat Ġenerali et*" (Rik. Kost. 81/15AF) kostitwiti bħala l-Qorti Kostituzzjonali; (ii) li l-proċeduri kostituzzjonali msemmija kienu nbdew wara u b'riżultat ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru, 2015, li kienet sabet li bin l-appellanti, il-minuri Kaden Mario Roche, kellu jitreġġa' lura lejn ir-Renju Unit, u dwar liema sentenza l-appellanti lmentat li nkisrulha l-jeddijiet fundamentali tagħha (u tal-istess binha minuri) kif imħarsin taħt l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni; (iii) li l-imħallfin li minnhom din il-Qorti hija kostitwita diġa' taw il-fehma tagħhom dwar is-sentenza li tirrigwarda l-mertu tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-30 ta' Novembru, 2015; (iv) li l-istess raġunijiet li wasslu lit-tliet imħallfin ta' din il-Qorti biex, bi provvediment mogħti minnhom fid-29 ta' Mejju, 2017, jastjenu milli jibqgħu jisimgħu l-appell, huma l-istess raġunijiet li jmisshom iwasslu lit-tliet imħallfin li issa jikkostitwixxu din il-Qorti biex jilqgħu t-talba tagħha u jastjenu huma wkoll; u (v) li jekk l-imħallfin li minnhom din il-Qorti hija kostitwita ma jagħżlux li jastjenu minn rajhom, ma jmisshomx ikunu huma nfushom li jiddeċiedu fuq talba għar-rikuża tagħhom;

8. Illi l-liġi trid li "*Fil-każijiet li fihom il-qorti hija kostitwita b'iżjed minn imħallef wieħed, l-imħallfin kollha, u fosthom l-imħallef irrikużat, jiddeċiedu fuq l-eċċezzjoni tar-rikuża, u meta hemm dubju jekk ir-raġuni miġjuba għall-astensjoni hijiex tajba jew le, l-imħallfin kollha, fosthom l-imħallef li jkun ġieb dik ir-raġuni, jiddeċiedu fuq ir-raġuni ta' rikuża jew ta' astensjoni*"[5];

9. Illi l-appellanti ssejjes it-talba tagħha għar-rikuża fuq dak li jgħid l-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[6] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[7]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[8] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[9]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[10];

---

[5] Art. 738(2) tal-Kap 12
[6] Art. 733 tal-Kap 12
[7] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***
[8] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***
[9] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[10] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)

11. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[11] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

12. Illi l-Qorti tagħraf ukoll li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-ġudikant li jkun ma jibqax jisma' kawża u dan biex jitħares tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiemha;

13. Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "*forum shopping*". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq;

14. Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "*il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun <u>legalment</u> ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli*"[12];

---

[11] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***

[12] App. Krim. **15.11.2004** fil-kawża ***Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah***

15. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li għadhom kemm saru, din il-Qorti ma tqisx li t-talba tal-appellanti jmissha tintlaqa'. Dan qiegħed jingħad għal aktar minn raġuni waħda;

16. Illi, fl-ewwel lok, l-appell tal-attriċi sar u issa jinsab quddiem din il-Qorti minn sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti (il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali) fit-2 ta' Diċembru, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat imqajma minn kull wieħed mill-intimati appellati. It-talba waħdanija tal-appellanti fir-rikors tagħha tal-appell hija biex "dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-'*res judicata*' u terġa' tibgħat l-atti ta' din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fil-mertu dwar it-talba attriċi";

17. Illi t-talba attriċi fir-Rikors Promotur hija li l-(Ewwel) Qorti "tiddikjara l-proċeduri għar-ritorn tat-tifel Kaden Mario Roche mibdija permess tar-rikors numru 10/2015PC fl-ismijiet *Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs Rosche (sic) Sharon Rose nee' Bellamy* bħala illegali, irritwali u nulli u għalhekk mingħajr effett legali";

18. Illi minn qari xieraq tas-sentenza appellata, joħroġ ċar li fl-ebda waqt ma kien għadu ntmess jew kien dibattut il-mertu tal-kwestjoni li dwaru l-appellanti ressqet it-talba tagħha msemmija. Tqajmet biss il-kwestjoni dwar jekk l-appellat intimat Dean Michael Roche kienx tabilħaqq qagħad għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u kien dwar dan li l-appellati qajmu l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Dak li għamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kien li stħarrġet jekk kemm-il darba l-eċċezzjoni tal-ġudikat kinitx tajba;

19. Illi huwa minn ewl id-dinja li meta se jkun trattat l-appell imressaq mill-appellanti, din il-Qorti (tkun komposta minn min tkun komposta) sejra tqis u tiddeċiedi biss dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat (għaliex din biss hija t-talba tal-appellanti fir-rikors tagħha) bla ma b'xi mod terġa' tqis jew tistħarreġ il-mertu tal-proċeduri mnedija fl-2015 kontra l-istess appellanti jew dawk imsemmija fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2015. Fi kliem ieħor, f'dan l-istadju ta' din il-kawża din il-Qorti mhijiex u ma tistax tagħti fehmiet ħlief fuq l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat: għaliex jew issib li l-ewwel Qorti ma kinitx imxiet sewwa meta laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u din il-Qorti terġa' tibgħat l-atti quddiem dik il-Qorti biex tibda tqis il-kawża fil-mertu, jew issib li l-ewwel Qorti kienet qieset sewwa u l-kawża tieqaf hemm;

20. Illi, fit-tieni lok, safejn it-talba tal-appellanti tirrigwarda l-argument li l-imħallfin li issa jikkostitwixu din il-Qorti kienu l-istess tliet

imħallfin li taw is-sentenza fil-kawża dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali, lanqas jgħodd l-argument li dawn setgħu taw il-fehma tagħhom fil-mertu tal-kwestjoni. Huwa magħruf li l-appell li l-appellanti tal-lum ressqet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u s-sentenza ta' dik il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2017, kienu jirrigwardaw l-ilmenti tagħha dwar ksur tal-jeddijiet tagħha mħarsin bl-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, fid-dawl tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-30 ta' Novembru, 2015. Fl-ebda waqt ma jista' jingħad li l-Qorti Kostituzzjonali fissret il-fehmiet tagħha dwar il-"mertu" li l-appellanti ssemmi llum bħala waħda mir-raġunijiet li fuqhom titlob ir-rikuża tal-imħallfin ta' din il-Qorti. Huwa magħruf ukoll li Qorti fil-kompetenza "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali" tagħha, ma titqiesx bħala qorti tat-tielet appell dwar il-mertu maqtugħ minn qorti ta' kompetenza "ordinarja", ukoll jekk l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali jkun jirrigwarda sewwasew sentenza ta' qorti bħal dik. Anqas u anqas intalbet dik il-Qorti tagħti l-fehmiet tagħha dwar il-kwestjoni jekk l-appellat Dean Roche kienx qagħad għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Għalhekk, lanqas dwar dan l-aspett ma tista' tgħid l-appellanti li l-imħallfin li jikkomponu l-Qorti diġa' taw xi fehma dwar il-kwestjoni li wasslet għat-tqanqil tal-eċċezzjoni tal-ġudikat maqtugħa bis-sentenza appellata;

21. Illi, fit-tielet lok, l-appellanti ma tgħidx sewwa meta targumenta li l-istess raġuni li wasslet lill-imħallfin ta' din il-Qorti jastjenu bil-provvediment tagħhom tad-29 ta' Mejju, 2017, imissha twassal lill-imħallfin li issa jikkostitwixxu din il-Qorti biex jagħmlu bħalhom. Minbarra r-raġuni li għadha kemm issemmiet qabel, joħroġ ċar li l-appellanti nnifisha saħqet aktar minn darba u b'mod imħeġġeġ (meta kienet qiegħda tittratta dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat fl-ewwel istanza[13]) li l-mertu tal-kawża tagħha tal-lum ma kienx jifforma l-mertu (kemm fl-aspett tal-"*eadem res*" u kif ukoll f'dak tal-"*eadem causa petendi*") tal-azzjoni tal-kawża maqtugħa bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2015. Jekk l-appellanti għadha ttenni din il-fehma (kif jidher tabilħaqq li għadha tagħmel[14]) jmissha toħroġ waħedha r-raġuni għaliex it-talba tagħha għar-rikuża tal-imħallfin komponenti din il-Qorti ma jmisshiex tintlaqa'. Jekk il-kawża tal-lum ma tikkostitwix l-istess fatti ġuridiċi li dwarhom ingħataw is-sentenzi ta' qabel, wisq anqas, allura, jista' jingħad li din l-kwestjoni kienet diġa ġiet quddiem il-Qorti kif issa komposta u li hija tat xi fehma dwarha b'mod li ma tistax jew ma jmisshiex tibqa' tisma' l-appell;

22. Illi, fir-raba' lok, hija l-liġi nnifisha li tgħid u trid li, meta titqajjem l-eċċezzjoni tar-rikuża, ikunu l-istess imħallfin li dwarhom titqajjem l-imsemmija eċċezzjoni li jridu jiddeċiedu dwarha. F'dan ir-rigward, u sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor, l-argument tal-appellanti li dan jista' jissarraf fi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq huwa dgħajjef, l-aktar meta wieħed iqis

[13] Ara paġġ. 75 sa 91 tal-proċess
[14] Ara r-Rikors tal-Appell tagħha f'paġġ. 142 – 3 tal-Atti tal-Appell

il-kawżali tal-liġi li fuqha tressqet it-talba tagħha għar-rikuża. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mid-Direttur appellata fit-Tweġiba tagħha;

23. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża** u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla quddiemha kif inhi komposta.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph R Micallef** | **Mark Chetcuti** | **Robert G Mangion** |
| **Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Reġistratur**
**mb**